**Stqarrija mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa dwar l-inkjesta dwar il-konkos dgħajjef fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei**

L-istqarrija ministerjali llum tirrigwarda r-rapport tal-inkjesta b'rabta tal-konkos dgħajjef fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei.

Sur President, matul dawn l-aħħar xhur, permezz tal-għajnuna tal-esperti, kienet qed issir ħidma biex jiġu stabbiliti l-fatti dwar x'ġara fil-passat fil-binja tal-emerġenza.

Dan il-każ sirna nafu bih lejn tmiem is-sena li għaddiet meta kienu qed isiru testijiet preliminari biex tkun tista' ssir espansjoni fuq il-bini tad-Dipartiment tal-Emerġenza biex jiżdiedu s-sodod u biex jinqdew in-nies aħjar.

Ftit tal-jiem ilu, il-kumpanija Internazzjonali Arup, wara li temmew il-maġġor parti tal-istudji tagħhom, ippreżentaw il-konklużjonijiet tagħhom lilna kif ukoll lill-*press*.

Fl-aħħar sigħat irċevejna wkoll ir-rapport tal-inkjesta mmexxija mill-Imħallef Emeritus Philip Sciberras u għalhekk ġejna mill-ewwel quddiem il-Parlament.

Sur President, is-saħħa tal-pazjenti tagħna, tal-ħaddiema li jaħdmu fl-isptarijiet tagħna u l-qraba tagħhom, hija l-ewwel prijorità għalina bħala Gvern! Fejn tidħol is-saħħa tal-pazjenti Maltin u Għawdxin m'hemmx kompromessi!

Huwa dan il-prinċipju li ggwida lil dan il-Gvern meta ġie mgħarraf bl-ewwel riżultati ta' testijiet ta' konkrit inferjuri fid-dipartiment tal-Emerġenza f'Mater Dei biex nieħdu azzjoni.

Kollox beda meta l-Gvern kien qed jipproċedi biex jespandi fuq il-bini eżistenti tal-emerġenza permezz ta' fondi Ewropej.

Bħala parti mill-kundizzjonijiet fit-*tender*, kien hemm stipulat li jsiru testijiet sabiex tassigura li l-istruttura għandha biżżejjed saħħa biex tinbena fuqha.

Dawn it-testijiet saru minn MAJV, Michael Attard u Mekkanika Ltd. Minnhom irriżulta li s-saħħa tal-istruttura mhux kif speċifikata li tkun f'binja pubblika jew inkella f'binja ta' sptar u li konkrit li ntuża fuq il-binja tal-Accident and Emergency kien wieħed dgħajjef. Minn aktar testijiet li saru f'laboratorji differenti, fil-fatt kellna tliet testijiet differenti, ġejna infurmati li r-riżultati kienu simili.

Kif konna ħabbarna, kien għalhekk li morna għand il-kumpanija internazzjonali ARUP; kumpanija internazzjonali li tispeċjalizza fl-inġinerija ċivili. Ir-riżultati fuq il-konkrit tal-emerġenza tant kienu xokkanti li dan il-Gvern ordna li jsiru ukoll testijiet fuq il-kumplament tal-isptar.

Fl-istess ħin, ridna nassiguraw li l-pajjiż ma jitlifx fondi Ewropej allokati għall-proġett li kien se jwassal biex ikollna aktar sodod għall-pazjenti tagħna. Konna proattivi u ħdimna biex insibu sit ieħor u llum, dan ix-xogħol ser ifisser li se jkollna 65 sodda ġodda għall-pazjenti. Dan ix-xogħol wasal ukoll biex jitlesta.

Sur President, biex inbena l-isptar Mater Dei, sptar li kellu jkun *state of the art*, il-Maltin u l-Għawdxin ħallsu €600 miljun. L-istorja tal-isptar hija twila; storja ta 'l fuq minn sbatax-il sena; storja li tul is-snin kienet ikkaratterizzata minn diversi kontroversji.

Mhux l-intenzjoni tiegħi li noqgħod nidħol f'polemiċi dwar min kabbar l-isptar u min ċekknu. Però, il-poplu jeħtieġ li jkun jaf li għalkemm għandna sptar żgħir biex jilqa' għal ħtiġijiet tal-popolazzjoni tagħna, jilqa' għat-tibdil fil-kura tas-saħħa, xorta waħda konna qed nistennew tal-inqas li jkollna sptar ta' kwalità tajba; sptar li jwassal għall-futur; sptar li kien *value for money*. Iżda mhux biss; irid ikollna sptar li meta tkun qed tieħu kura fih, meta tkun qed taħdem fih, tkun moħħok mistrieħ, li tal-inqas hemm *the right infrastructure;* li *the basics are right*; sptar mibni tajjeb; sptar mibni kif suppost. Huwa tal-mistħija li fl-2015 qegħdin hawnhekk, fl-ogħla istituzzjoni ta' dan il-pajjiż, niddiskutu l-unika sptar fil-pajjiz, li dam jinbena 17-il sena, sewa iktar minn €600 miljun u għandu l-iktar ħaġa bażika difettuża: il-binja. Li kieku din l-istorja ma hijiex daqshekk serja – kieku tad-daħk. Insomma kien hawn min daħak biha u pprova jirredikolaha! L-inkjesta tiffoka fuq erba' fażijiet differenti tal-proġett tal-Isptar: id-disinn meta kollox beda; il-proċess ta' kostruzzjoni meta nbniet; il-kuntratti li daħlu fis-seħħ; kif ukoll il-Project Closure u wara li jingħalaq u tħallas l-Isptar, x'ġara wara wkoll.

Ħa nibda billi nitkellem dwar id-disinn. Tajjeb infakkru, Sur President, li l-kuntratt oriġinali tal-Isptar Mater Dei kien jispeċifika li l-konkrit kellu jkollu s-saħħa ta' 30 Mpa (C30). Il-konkrit kellu jipprovdi għal espansjoni vertikali; u li fid-disinn kien speċifikat li l-bini kellu jieħu *into account* il-possibbiltajiet ta' ċaqliq siżmiku skont iż-żona tal-Gżejjer Maltin. Ir-rapport li kien ippreżentat lill-Gvern mill-Arup, fl-aħħar jiem jispeċifika li s-saħħa tal-konkrit fl-emerġenza mhux C30, imma C18, kważi n-nofs ta' dak stipulat, u li bini mhux mibni skont kriterji li jifilħu għal ċaqliq siżmiku. B'konsegwenza ta' dan, ma jistax isir aktar bini fuqu. Ċara! Dak li kien speċifikat fil-kuntratt oriġinali ma kienx onorat. Partijiet mir-rapport tal-ARUP huma kkwotati fl-inkjesta u għalhekk qed inkunu inklużi ma' din l-istqarrija ministerjali. L-ARUP qalu wkoll din id-dgħufija tal-konkrit ġejja minn tliet fatturi: li l-konkrit jinkludi żrar tal-franka minflok tal-qawwi, kif ġeneralment isir; kellu livell ta' ilma għoli meta mqabbel mas-siment; kellu livell għoli ta' *carbonation*, jiġifieri l-arja u l-kimiċi li nsibu fl-arja bħal $CO_2$ beda jasal sal-ħadid. Qalu wkoll li f'uħud mill-kolonni l-*carbonation* wasslet sa 40 millimetru meta f'konkrit tal-istess żmien dan ikun madwar 20 millimetru fond. Qal ukoll li n-numru ta' travi u kolonni qed jaħdmu b'*safety factor* imnaqqas u għalhekk irid isir xogħol ta' rimedju. Ir-rapport tal-ARUP jgħid ukoll li id-dgħufija tal-konkrit mhux riżultat taż-żmien li ilu mibni l-isptar; mhuwiex kwestjoni ta' *deterioration*; hija kwestjoni li l-konkrit ma kienx tajjeb *early on.* Sur President, l-ARUP ħarsu lejn l-isptar kollu u fil-Block D kollu, jiġifieri fejn hemm is-swali. Hemmhekk kien hemm konkrit ta' C23 u mhux C30; kif ukoll, dan il-bini mhux mibni skont kriterji siżmiċi. Anke hawnhekk iridu jsiru xogħlijiet

biex l-istabilità tal-binja tissaħħaħ. Anke ġo binja D, fejn il-*wards* u fejn hemm l-*operating theatres*. Il-kumplament tal-bini, għalkemm hemm żewġ blokki li mhux ta' C30, iżda ta' livell C27, u C29, dawn jeħtieġu wkoll xogħlijiet biex isiru *seismic proof*. L-Onkoloġija huwa mibni skont kif speċifikat u jilħaq il-kodiċi Ewropej dwar il-kriterji siżmiċi. L-aktar konkrit b'saħħtu, Sur President, huwa dak tal-Kamra mortwarja li kien ta' livell 42MPa! Sur President, dan kollu jfisser li rridu nagħmlu xogħol ta' rimedju mal-isptar kollu, xogħol li se jiswa lill-pajjiż mill-inqas €35 miljun. €35 miljun li jridu jiżdiedu mas-somma eżorbitanti ta' €600 miljun li diġà tħallsu tul is-snin kollha li fih dam jinbena dan l-isptar. Ma' dan irridu nżidu wkoll iktar spejjeż li se joħorġu mit-testijiet mill-ARUP li għadhom għaddejjin bħalissa.

Naqleb issa għall-proċess ta' kostruzzjoni tal-binja tal-Isptar. It-testijiet oriġinali juru li minħabba li kien hemm numru ta' *suppliers* li kienu qed jipprovdu l-materjal u li mhux il-konkrit kollu kien qed jiġi ttestjat, ma jistax jingħad b'ċertezza assoluta min kien qed jipprovdi l-konkrit. Ir-rapport juri li kien hemm diversi kumpaniji li ssupplixxew il-konkrit lill-isptar Mater Dei; fosthom Mixer Ltd, Blockrete Ltd, Devlands Ltd u Magħtab Ltd. Joħroġ biċ-ċar li x-xogħlijiet ta' estensjoni li saru taħt Gvern Laburista ta' bejn l-1996 u l-1998, li bih tkabbar l-isptar Mater Dei, ma ħallew l-ebda impatt fuq Block D1.1 u D1.3, li huma l-Emerġenza. Ix-xogħlijiet li saru wara, minn Gvernijiet Nazzjonalisti taħt il-kuntratt ta' Design and Build Cost Plus żiedu u estendew fosthom d-D1.3, li hija l-emerġenza, li ġiet estiża vertikalment u D 1,1 li ġiet estiża vertikalment u orizzontalment. L-inkjesta tikkwota r-rapport tal-ARUP li juri li kien hemm difett fid-disinn minħabba li ma jilħaqx il-kriterji siżmiċi. Tgħid li fl-aħħar mill-aħħar hija r-responsabbiltà tad-disinjaturi finali, li huma Skanska Joint Venture, li kellha tassigura li l-binja tilħaq il-kriterji stabbiliti.

Naqleb issa għat-testijiet fuq il-konkrit. Il-Bord tal-inkjesta hawnhekk jiddikjara li hemm biżżejjed provi li juru li t-testijiet pprovduti mill-kuntrattur kienu jammontaw għal frodi. Mill-inkjesta joħroġ li t-testijiet li suppost saru fuq il-lant tax-xogħol, ma sarux fuq is-sit ta' kostruzzjoni iżda l-kampjuni ttieħdu fil-faċilità tal-Works Division f'Kordin. Biex inkun ċar, jekk kien hemm ħames testijiet, minn kull ħamsa suppost il-kuntrattur għamel erbgħa u l-Works Division flimkien mal-Malta University Services għamlet waħda. Ir-riżultati kienu simili. L-inkjesta tgħid li joħroġ ċar li l-konkrit difettuż li nstab fis-sit ma setax kien riżultat ta' xi żball ġenwin imma sforz li minnu setgħu jibbenefikaw xi persuni.

Ċertu testijiet saru minn Blockrete Ltd, b'uħud kellhom saħansitra t-timbru ta' din il-kumpanija. Ċertu testijiet ma kellhomx tali timbru u għalhekk l-inkjesta ma setgħetx tiddikjara b'ċertezza li Blockrete u l-uffiċjali tagħha kienu involuti jew li kienu qed iwettqu dan il-frodi għalkemm tgħid li kienu huma li flimkien mal-membri tal-konsorzju l-oħra li kellhom x'jiggwadanjaw. Dan ħareġ mill-inkjesta. Madankollu, attività ta' dan it-tip, fl-opinjoni tal-inkjesta, tista' tiġi ddikjarata bħala waħda kriminali. Dawn il-prattiċi kellhom jitwettqu fuq skala kbira u għalhekk, kollox juri li dan ma kienx xi żball ġenwin iżda sforz intenzjonat minn Skanska JV bil-għan li jdaħħlu l-flus għad-detriment tal-klijent. Il-klijent, *being* il-Gvern ta' Malta, imħallas mit-taxxi tal-poplu. Il-Bord għalhekk huwa tal-parir li l-awtoritajiet li jinkludu lill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-Awditur

Ġenerali, li jidħlu f'dan il-każ u jinvestigaw ukoll. L-inkjesta titfa' dubju qawwi fuq l-integrità tat-testijiet li saru dak iż-żmien. Dan l-aktar minħabba l-kuntrast qawwi li r-riżultati ta' dak iż-żmien juru meta mqabbla ma' dawk tal-lum. Il-Bord jgħid li ma jistax jitfa' responsabbiltà fuq it-tekniċi tal-Works Division li ħarġu ċ-ċertifikati. Kif joħroġ ċar mit-testijiet stess u mix-xhieda li ngħatat fl-inkjesta, il-kampjuni li ttestjat din id-diviżjoni ma kinux miġbura mill-impjegati tal-istess diviżjoni iżda mill-impjegati tal-kuntrattur stess. *For the purpose of clarity,* it-*testers* ma marrux jiġbru s-*samples*; imma l-kuntrattur ħadilhom is-*samples* fil-*lab* biex jittestjahom. Għalhekk, il-bord ma jistax jiddetermina jekk ir-riżultati jew il-metodi ta' ttestjar kinux difettużi jew inkella jekk il-kuntrattur kien qiegħed jagħmel miżinterpretazzjoni tas-sors tal-kampjun jew minn fejn ittieħed il-kampjun u fejn tqiegħed. Ir-rapporti tekniċi tal-lum juru li r-riżultati tat-testijiet ma jistgħux ikunu meqjusa bħala *"a true and fair assessment"* tal-kwalità tal-konkrit li tqiegħdet fil-post. Mill-inkjesta joħroġ kif minn kif ġie spjegat minn diversi xhieda, il-kampjuni ttieħdu mill-konkrit li ġie mwassal fuq is-sit. Il-konkrit seta' sar inferjuri wara li ttieħdu l-kampjuni fost oħrajn billi seta' ġie miżjud bl-ilma hu u jitqiegħed.

Induru issa għall-*project management elements.* Dwar il-*project management office,* l-inkjesta tgħid li għalkemm dan l-uffiċċju ma kellux *staff* biżżejjed għar-rwol importanti li kellu u li ma kienx ippreparat għal proġett bħal dan, dan xorta ma jnaqqasx mir-responsabbiltà. L-Inkjesta tirrimarka kif il-persuni li ġew intervistati kienu aktar interessati li juru li ma kinux involuti milli jagħtu verżjoni ċara ta' kif seħħew il-fatti. Huwa hawnhekk li l-inkjesta turi tħassib kif minkejja l-għadd ta' opportunitajiet li dan l-uffiċċju kellu biex juri l-fallimenti ta' dan il-proġett u li qatt ma ħarġu fil-beraħ. L-inkjesta tgħid li Ortesa Spa kienet f'pożizzjoni li tipprovdi l-esperjenza neċessarja u li tara li x-xogħol qed isir b'mod korrett iżda m'għamlitx dan. In-nuqqasijiet ta' Ortesa joħorġu b'mod car sa mill-1993; madankollu ma ġie rreġistrat l-ebda progress tul is-snin minn naħa ta' Ortesa. Din tqajjem iktar dubji dwar ir-relazzjoni diretta li l-Gvern kellu dak iż-żmien ma' Ortesa, Monte Tabor u Don Verze. Ortesa kienet ingħatat kuntratt tas-superviżjoni tal-kostruzzjoni fl-1994 u huwa għalhekk li l-inkjesta tikkonkludi li Ortesa ġġorr il-ħtija flimkien mal-Project Management Office talli naqsu milli jipproteġu l-interessi tal-klijent. Il-Bord jirrimarka li kienu saru insinwazzjonijiet fl-1996 mill-Inġinier Carlo Mereghetti lil Don Verze fejn ittra li bagħtlu tissuġġerixxi li d-deċiżjonijiet ma kinux qed jittieħdu abbażi ta' teknikalitajiet iżda li kien hemm influwenzi politiċi li kkaratterizzaw dan il-proċess. L-inkjesta tirrimarka kif l-FMS u l-Gvern baqgħu ma intervjenewx dwar il-problemi li kien hemm f'dan il-proġett kemm dwar id-*delays* fis-sottomissjonijiet tad-disinji kif ukoll fil-progress u l-kwalità tax-xogħlijiet. Hawnhekk l-inkjesta tagħmel referenza kemm għal xhieda kif ukoll għal diversi rapporti inkluż ta' Bovis Europe u Ortesa li saru f'Lulju tal-1996 u li kienu qed jitfgħu dawl fuq il-kwalità tax-xogħol li kien qed isir fis-sit. Tirreferi wkoll għar-rapport tal-Perit Vince Cassar li sar ftit xhur wara. Tgħid li minkejja dan kollu, il-Gvern baqa' passiv u ma ħax il-miżuri meħtieġa. L-inkjesta tirrimarka kif f'dak iż-żmien fl-FMSS kellha lil Ministru responsabbli mill-Proġett Louis Galea bħala President u l-Onor. John Rizzo Naudi u l-Onor. Antoine Mifsud Bonnici bħala Viċi President u Segretarju. Huwa għalhekk li l-inkjesta tgħid li ikun *naive* li wieħed jgħid li l-Gvern ma kienx jaf dwar l-istat ħażin li dan il-proġett kien jinsab fih; inkluż Dr Louis Galea li għall-ewwel ċaħad li kellu din l-informazzjoni. Il-Bord jgħid li

huwa mħasseb serjament b'ċertu dikjarazzjonijiet li saru minn ċertu xhieda li allegaw li kien hemm interventi politiċi b'rabta mal-għażla ta' min jissupplixxi l-konkrit.

Induru issa għall-kuntratti li daħlu fis-seħħ; fosthom il-*memorandum of understanding.* L-inkjesta ssemmi wkoll *memorandum of understanding* li ġie ffirmat ma' Skanska f'Diċembru tal-1998 – wara li nbidel il-Gvern – u tgħid li għandha tħassib dwar il-mod ta' kif dan sar u ġie dokumentat. Dan il-*memorandum of understanding* instab f'*safe* fl-FMS separat minn mad-dokumenti l-oħra u ma kien hemm l-ebda referenza għalih fil-minuti tal-bord tal-FMS meta ġie ffirmat. Dan il-*memorandum of understanding* wassal għal ftehim tad-Design and Build Cost Plus li kien iffirmat fis-sena 2000 u ġie deskritt minn wieħed mix-xhieda bħala *open cheque*. Dakinhar tal-iffirmar tal-*memorandum of understanding* tħallsu 2 miljun lira Maltin lill-kuntrattur Skanska li minn dakinhar ħa f'idejn l-aspetti kollha ta disinn u bini tal-isptar Mater Dei f'idejh. Minuti li l-bord analizza jindikaw li s-somma ta' żewg miljun lira Maltin kienet "ġest ta' rieda tajba", *good will payment* min-naħa tal-Gvern Malti. L-inkjesta tirrimarka kif l-element ta' *cost plus* kien deskritt mix-xhieda bħala xi ħaġa li tammonta għal korruzzjoni. Tajjeb infakkru li wara l-bidla fil-Gvern fl-1996, Alfred Sant kien issospenda x-xogħlijiet, u keċċa lil Don Verze u l-kumpanija tiegħu. Il-Gvern ta' dak iż-żmien kien iddeċieda li jkabbar l-isptar u jsir wieħed ġenerali flok St. Luke's; u kien se jkollu bejn 800 u 1,000 sodda. Kien inħareġ *tender* għad-*design* li kien intrebaħ minn Norman and Dawbarn għad-disinn tal-proġett. Tajjeb li ngħid li l-Bord intervista wkoll lill-Ministru Michael Farrugia li kien Ministru tas-Saħħa meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-isptar jikber. Kien imbagħad ftit xhur wara meta wara l-bidla fil-gvern fl-1998, li Gvern Nazzjonalista iffirma l-*memorandum of understanding* ma' Skanska u fis-sena 2000 kien iffirmat kuntratt ma' Skanska. Essenzjalment, b'dan il-*memorandum of understanding* u l-kuntratt, l-iSkanska saru d-*designers* u l-*builders* tal-proġett; jagħmlu kollox huma.

Naqleb issa għall-*project closure agreement.* L-inkjesta turi tħassib dwar il-*waiver* li ngħata f'dokument ieħor magħruf bħala *project closure agreement* iffirmata fl-2009 li jinkludi fih dan il-*waiver oltre* l-klawsoli tal-eliminazzjoni tal-*claims*. L-inkjesta tagħmel referenza għall-provi mressqa mill-Perit Paul Camilleri li ta x'jifhem li kien hemm *"bad faith"* fin-negozjati u possibbilment intenzjoni ta' frodi min-naħa tal-kuntrattur. Madankollu tirrimarka li l-perit xorta ffirma dan il-ftehim. Tirrimarka li ma tistax tifhem kif din il-klawsola ġiet aċċettata mingħajr ebda riżervi. L-inkjesta tagħti *timeline* ta' kif żvolgew il-fatti li wasslu għal dan il-Project Closure Agreement. Fit-2 u fit-3 ta' Diċembru tal-2008 iltaqa' d-*decision group* bil-għan li jsolvi l-*claims* li kien hemm bejn iż-żewġ partijiet. Dawn in-negozjati fallew. Fis-16 u s-17 ta' Diċembru tal-2008, il-Perit Paul Camilleri u r-rappreżentant ta' Skanska Lars Eric Alm jiltaqgħu bħala *senior executives* biex jintlaħaq qbil. Fl-20 ta' Diċembru, Paul Camilleri jinforma lil Ministru John Dalli li d-diskussjonijiet fallew u li wieħed ma setax jevita arbitraġġ. Madankollu, fis-16 ta' Diċembru 2008, Paul Camilleri u Lars Erik Alm jilħqu ftehim dwar *terms of settlement agreement* li kien jinkludi *waiver* intiża li telimina l-*claims* li ż-żewġ partijiet kellhom kontra xulxin. Il-bord iltaqa' fil-15 ta' Jannar 2009 u approva dan is-*settlement agreement. It's worthwhile highlighting* hawnhekk li nstabu żewġ verżjonijiet tal-minuti differenti tal-bord ukoll. Però, dik toħroġ iktar tard, mill-inkjesta. Fil-21 ta' Jannar, 2009 Skanska tibgħat l-ewwel verżjoni tagħha bbażata fuq dan is-

*settlement agreement*. Din il-verżjoni kienet għall-ewwel darba tinkludi l-*waiver* iktar speċifiku u minkejja li kien irrimarkat li sar tibdil fil-*waiver*, ħadd ma kkummenta dwar dan. F'dak l-istess jum, il-Perit Paul Camilleri jibgħat it-*terms of settlement agreement* lil avukati bin-noti ta' Skanska JV u wara ftit jerġa' jibgħat verżjoni ġdida tat-*terms of settlement agreement* b'bidla fundamentali fejn il-flus li kienu baqgħu jingħataw bdew jissejħu *variation order* u mhux *settlement of claims*. Il-Bord ma tlaqqax biex japprova dawn it-termini l-ġodda. B'xi mod, is-*settlement agreement* inbidel fi *project closure agreement* u inkluda l-*variation orders, reciprocal waiver of claims*; l-eliminazzjoni tal-*claims* pendenti miż-żewġ naħat; kif ukoll il-*waiver* l-ieħor; li nafu bih. Il-*project closure agreement* kif nafuh illum, ġie ffirmat fid-19 ta' Frar 2009; li jinkludi l-*blanket waiver* apparti l-*waivers* l-oħrajn li kien hemm fil-kumplament tal-kuntratt. L-inkjesta staqsiet li kien jinkludi l-*blanket waiver* apparti l-*waivers* l-oħrajn li kien hemm fil-kumplament tal-kuntratt u l-inkjesta staqsiet għalfejn kien hemm bżonn dan l-*additional waiver*. Fil-5 ta' April, 2009 Paul Camilleri jibgħat *e-mail* lill-Ministru John Dalli fejn jinformah li ġie ffirmat il-ftehim u jibgħatlu kopja tiegħu, jiġifieri dan ftit ġimgħat wara li kien iffirmat. L-inkjesta tirrimarka li mhux ċar għalfejn il-Ministru ma kienx inżamm kontinwament aġġornat dwar il-progress tan-negozjati u għalfejn ma ntalabx awtorizzazzjoni qabel l-għeluq tal-ftehim. Lanqas huwa ċar kif it-termini tas-*settlement agreement* approvati mill-bord inbidlu mingħajr ma l-bord kien informat u għalfejn dan l-*agreement* inbidel fi *closure agreement* li jindika li se jsiru xi xogħlijiet ġodda wkoll. Il-bord jgħid li mhuwiex konvint li s-CEO ta' dak iż-żmien Brian St John ma kellux rikonoxximent ta' dak li ġie diskuss dwar klawsola importanti bħal dik.

Issa niġu għall-*post project closure agreement.* L-inkjesta tgħid li l-avvenimenti tal-2011 huma ta' tħassib. L-2011 huwa wara l-*post closure agreement* biex niftiehmu. Hawnhekk l-inkjesta tirreferi għall-problemi u difett fl-istruttura li nstabu fir-*reservoirs* ta' *Block D1.1* u *1.3* fejn f'Lulju, 2011 – ovvjament ma kienx għadu l-istess ministru, nimmaġina kien hemm Joe Cassar Ministru – kien ħareġ ċar li l-konkrit kien inferjuri u mhux skont l-ispeċifikazzjonijiet, jiġifieri l- konkrit tar-*reservoir* kien C20. L-inkjesta tikkonkludi li l-mod kif l-FMS ma qajmet l-ebda *issue* dwar l-integrità tal-istruttura tal-bqija tal-bini, mhuwiex spjegabbli jew li b'xi mod jew ieħor jista' jiġi skużat. Tirreferi għal meta Skanska Joint Venture ġiet affrontata dwar dawn il-fatti u rreferiet lill-FMS għall-Klawsola nru. 9 tal-*Project Closure Agreement* bl-FMS ma tirribattix din il-klawsola. Jiġifieri *in plain simple words,* sibna difett fil-konkrit fl-2011 li l-iSkanska kitbulhom dwar dan, għamlu testijiet, il-*concrete* kien inferjuri, u l-iSkanska qalulhom iwwejvjajtulna kollox fl-*agreement* tal-2009 u l-FMS ċediet. Kien hemm ittra ta' Brian St John lil Paul Camilleri fejn ġiet indikata li l-aħħar €200,000 lil Skanska setgħu jiġu mħallsin u ħadd ma staqsa xejn dwar dan. U hawnhekk nistaqsi wkoll jekk kienx jaf biha l-Ministru Joe Cassar dak iż-żmien.

**<u>Responsabbiltà Ċivili</u>**

Il-Bord jgħid li dan xorta ma jnaqqasx mir-responsabbiltà ta' Skanska li kellha fdata f'idejha l-aspetti kollha relatati mal-kostruzzjoni tal-isptar. Dan l-aktar meta l-kuntrattur kien assuma r-responsabbiltà tal-kwalità tax-xogħlijiet u tal-materjal ipprovdut fil-kuntratt tal-bini tal-

1995 kif ukoll fid-*design and build contract* ta’ Frar 2000. Fil-kuntratti l-iSkanska kienu ħadu responsabbiltà ta’ kollox fid-*designs* ta’ qabel kif ukoll fil-*construction.*

L-inkjesta tispeċifika iktar dwar il-*waiver* li ngħata u tidħol fid-dettall dwar kif minn *settlement contract* dan sar *project closure agreement* fejn iddaħħlu wkoll klawsoli li jaqtgħu l-*claims* ta’ xulxin magħrufa bħala *reciprocal waiver of rights* minbarra l-*waiver* fi klawsola nru. 9.

Il-klawsoli, kif finalizzati, li jeliminaw il-*claims* ta’ xulxin, qatt ma kienu jifformaw parti mis-*settlement agreement*.

Dwar ir-responsabbiltà tal-*Project Management,* l-inkjesta tikkonkludi li għalkemm ir-responsabbiltà xorta taqa’ fuq il-kuntrattur, l-iSkanska JV, dan ma jeżentax lill-*Project Management* mir-responsabbiltajiet tiegħu lejn il-klijent; f’dan il-każ l-FMMS u l-FMS. Madankollu tirrimarka wkoll li kien hemm *issues* ta’ preskrizzjoni.

L-inkjesta tikkonkludi wkoll li huwa biss jekk jirriżultaw mill-pulizija atti ta’ frodi li t-tfittxija għad-danni tkun aktar b’saħħitha u aktar possibbli.

**<u>Responsabbiltà Kriminali</u>**

L-inkjesta tasal għal konklużjoni li l-konkrit dgħajjef li nstab fis-sit huwa riżultat ta’ atti ta’ frodi intenzjonali. Jiġifieri l-*conclusion* hija ċara.

Kif ukoll turi tħassib dwar ċertu dikjarazzjonijiet li saru taħt ġurament dwar interferenzi politiċi b’rabta ma’ min jissupplixxi l-konkrit *in the early stages* tal-proġett u allegat korruzzjoni u atti ta’ frodi b’rabta mal-*project closure agreement*.

Issa nagħlqu billi ngħidu x’se jagħmel il-Gvern. Ipprovajna, kemm jista’ ikun, din l-istqarrija ma nagħmluhiex *political, we’re simply stating facts.*

**<u>X’se jagħmel il-Gvern</u>**

Il-Gvern se jkun qed jagħmel minn kollox biex jittieħdu passi b’rabta ma’ dan kollu.

Malli ġie ppreżentat ir-rapport tal-ARUP, sar mal-ewwel kuntatt mal-konsorzju Skanska. L-ebda dokumentazzjoni mhi se twaqqaf lill-Gvern milli jkun effettiv u jagħmel dak kollu possibbli f’dan il-każ.

Il-Gvern se jkun qed jimxi mar-rakkomandazzjonijiet li qed tagħmel din l-inkjesta.

Il-Gvern se jkun qed jgħaddi dan ir-rapport lill-Avukat Ġenerali, l-Awditur Ġenerali kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-għan li minn issa ’l quddiem jiġi determinat x’passi ulterjuri

jistgħu jittieħdu. U naħdmu mal-AG fuq is-*civil* u l-*commercial use* u mal-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-*issues* kriminali.

Ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru se jsiru kif suġġerit lilna minn ARUP.

Għalina s-saħħa u s-sigurtà tal-pazjenti u tal-ħaddiema tagħna hija l-iktar prijorità importanti.

Sur President, nixtieq nagħlaq billi ngħid li waqt li l-Gvern qed jagħmel kollox u se jkun qed jagħmel dak kollu possibbli biex isolvi din is-sitwazzjoni fuq livell politiku, il-Gvern qed jistenna wkoll tweġibiet min-naħa tal-Oppożizzjoni minħabba l-involviment ta' individwi li, b'xi mod jew ieħor, għadhom jagħmlu parti mill-Partit Nazzjonalista.

Waqt li ntnefqu dawn il-flus kollha, il-familji ta' pajjiżna xorta baqgħu sal-lum m'għandhomx sptar li jaqdi sew il-ħtiġijiet tagħhom, kif kienu mwiegħda qabel inbena dan l-isptar.

Sal-lum stess il-pazjenti f'pajjiżna għadhom mhux moqdijin sew fl-isptar minħabba li l-isptar huwa żgħir wisq u kien proprju għalhekk li bdejna ħidma biex jinbnew aktar sulari.

Agħar minn hekk issa qed joħorġu l-fatti li dan ma kienx forsi għax xi ħadd ħa xi żball ġenwin. Sa ftit taż-żmien ilu hekk forsi konna naħsbu. Il-fatti ppreżentati llum idaħħlu dubji serji dwar il-mod kif saru l-affarijiet u għalfejn.

Kliem tax-xhieda bħal 'allegat korruzzjoni' u 'frodi' jagħtu x'jifhem li kien hemm min l-interess tiegħu ma kienx li jkollna sptar ta' kwalità jew *state of the art* għall-pazjenti ta' pajjiżna, imma li jdaħħal il-flus fil-but.

Huwa għalhekk li l-Gvern se jkun qed jgħaddi lill-awtoritajiet kompetenti dan kollu biex fejn hemm lok tittieħed azzjoni immedjata.

Min-naħa l-oħra nistennew li l-Kap tal-Oppożizzjoni llum jgħidilna x'inhi l-pożizzjoni tiegħu quddiem dan kollu għaliex s'issa smajnieh biss jirrikorri għal ċertu kummenti biex *we poke fun at this* u jiddefendi persuni li ssemmew f'din l-inkjesta li huma qrib il-partit tiegħu jew li jokkupaw karigi għolja fil-partit tiegħu.